# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Nru. 39** Il-Ħamis 25 t'Awwissu 2022

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:30 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Benjamin Zammit Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

# Minuti 25 ta' Awwissu 2022

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 39.1 Qari ta' lttri ta' apoloġija;

**39.1.01** L-Ambaxxatur taż-żgħażagħ, Benjamin Zammit informa lis-Segretarja li ma setax jattendi minħabba mpenji oħra.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-38.

**39.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 38 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**39.3.01** Emejl mingħand il-Perit Neil Markham dwar laqgħa mal-Kunsill biex jinbeda x-xogħol tal-pjan ta' *refurbishment* tal-Pjazza. Din ser issir nhar il-Ħamis, l-1 ta' Settembru f'Malta. Ser jattendi s-Sindku peress li din ser issir f'Malta. Il-Viċi Sindku qal li mportanti li ssir laqgħa f'Għawdex biex ikunu preżenti l-Kunsilliera kollha flimkien mal-*project manager*.

**39.3.02** Kwotazzjonijiet miġbura mill-*project manager* għall-*site survey* tal-pjazza u t-toroq tal-madwar. Il-Kunsilliera għażlu r-rakkomandazzjoni tal-*project manager* li kienet l-aktar waħda vantaġġjuża. Il-Kunsill talab sabiex is-*survey* jinkludi t-triq kollha ta' Dun Karm Caruana peress li din hija l-entratura ewlenija tar-raħal u għandha tiġi nkluża fl-*embellishment*.

**39.3.03** Korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Sessjoni Parlamentari d-Drittijiet tal-Anzjani u l-Abbuż – KNA 2022 – Il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2022.

**39.3.04** Korrispondenza mingħand Anzjanità Attiva u Kura fil-Kommunità – programm t'attivitajiet. Din l-informazzjoni ser tgħaddi għand il-Kunsillier inkarigat mill-anzjani s-Sinjura Elizabeth Mintoff.

**39.3.05** Emejl mingħand il-Perit Stephen Micallef dwar il-pjanta għall-proġett fi Triq il-Fanal (Community Centre & Recreational Garden). Il-Kunsilliera wieġbu d-domandi mistoqsija mingħand il-perit u s-segretarja għandha twieġeb lill-perit b'dawn ir-risposti.

**39.3.06** Ċir AKL 2022/079 – Skema Għall-Kunsill Lokali Dwar Lokalitajiet Sostenibbli 2022. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika sabiex jitnadfu u jiġu rrestawrati l-ġibjuni tal-Għasri (fi Triq il-Ġdida) u jinħoloq passaġġ minn fuq il-ġibjuni. B'hekk inkunu qed nagħmlu titjib fl-ambjent, niġġeneraw dħul/attività ekonomika ; tipprovdi *areas* tal-mixi u b'hekk tagħti lok ta' eżerċizzju ;

nipproteġu 'water table' ; ninkoraġixxu l-flora u fawna lokali biex jikbru u ħolqien ta' protezzjoni fit-tul taż-żona.

**39.3.07** Ċir SPI/SCI/09/2022 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Għalkemm il-Kunsill għandu diversi proġetti fi ħsiebu ma jinsabx f'pożizzjoni sabiex japplika għal dan il-fond. Il-Kunsill qed jaħdem fuq disinn għaċ-ċentru tar-raħal kif ukoll għall-ċentru ċiviku.

**39.3.08** Ċirkulari Numru 7/2022 Emendi fl-Ordni dwar Stemmi tal-Kumitati Reġjonali u Emendi fir-Regolamenti dwar Proċeduri għall-Gvern Lokali.

**39.3.09** Korrispondenza mingħand il-*Marigold Foundation* dwar *the Pink October Movember 2022*. Il-Kunsill iddeċieda sabiex jixgħel is-siġra l-kbira li tinsab fil-pjazza roża matul ix-xahar ta' Ottubru għal dan il-għan.

**39.3.10** *Notification of Development Permit Application Report and Commission Meeting Date PA/00761/21 Site at* Triq Dun Karm Caruana, *To construct poultry farm, rubble walls, store & reservoir*. Il-kunsill huwa mistieden sabiex jattendi is-smiegħ tal-bord dwar dan l-iżvulupp *online*. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jappella d-deċiżjonijiet li jiġu approvati b'dawn it-tip t'applikazzjonijiet. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-*policy* tal-PA hija li għandhom jintużaw "farms" li diġa jeżistu iżda mhux qed jintużaw. Fi Triq il-Ġdida fil-preżent hemm żewġ applikazzjonijiet pendenti.

**39.3.11** Is-Segretarja staqsiet lill-Kunsilliera hux ser isir il-kalendarju 2023 u jekk iva b'liema tema ħa jsir. Il-Kunsilliera qablu li l-Kalendarju għas-sena 2023 għandu jkun bir-ritratti tal-pittura li jinsabu fil-Knisja Parrokkjali jekk il-Kappillan jaqbel.

## 39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**39.4.01** Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jinstalla mera fi Triq tal-Fenek minħabba l-periklu li qed ikun hemm meta resident qed jipprova joħrog mill-proprjetà tiegħu (minħabba li hemm "blind corner"). Wara diskussjoni din il-mera ġiet approvata. Il-Kunsilliera Sammy Saliba astjena minn din id-deċizjoni.

**39.4.02** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace u l-Kunsillier Elizabeth Mintoff attendew laqgħa li saret fl-Għarb mir-Reġjun ta' Għawdex dwar attivitajiet kulturali.

**39.4.03** Il-Kunsillier Sammy Saliba nforma lill-Kunsilll li hu ser jitkellem mal-uffiċċjal tal-Kultura sabiex issir attività tal-Milied fl-Għasri.

## 39.5 Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart (Mar-Ġunju 2022)

**39.5.01** Il-Kunsilliera approvaw ir-rapport ta' kull kwart Mar-Ġunju 2022. Dan id-dokument kien tqassam qabel il-laqgħa u għalhekk il-Kunsilliera kienu rawh.

## 39.6 Attivita ta' Traditions: Wine, Olive Oil & Honey;

**39.6.01** Il-Kunsill inkariga *compere* għall-attività, kif ukoll uffiċċjali tat-TM, *first aiders* u *security*. Ser ikun hemm pulizija minn tal-*Community Police*. Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll sabiex ikun hemm *folk group* fl-ewwel siegħa tal-attività.

## 39.7 Jum l-Għasri 2022 u Premju Ġieħ l-Għasri 2022;

**39.7.01** Il-Kunsill iddeċieca li jiċċelebra Jum l-Għasri nhar is-Sibt 24 ta' Settembru. Is-Segretarja għandha tkellem lill-Kappillan sabiex il-quddiesa ta' radd il-ħajr issir dakinhar filgħaxija.

**39.7.11** Is-Sindku ssuġġerixxa li din is-sena Premju Ġieħ l-Għasri jiġi ddedikat lill-voluntiera kollha tal-Għasri u għalhekk ma jsirx bħas-soltu. Sabiex ma jiġi eskluż ħadd mhux ħa jiġu identifikati persuni ndividwali u t-trofew ma jingħatax, iżda fid-disinn tal-*embellishment* tal-pjazza għandu jkun hemm post għall-monument iddedikat lill-voluntiera tal-Għasri.

## 39.8 Ħarġiet;

**39.8.01** Ser issir ħarġa għal Kemuna u Ħondoq fit-13 ta' Settembru. Dan ser jiġi ssusidjat mill-kunsill għar-residenti tal-Għasri. Diġa saret ħarġa bit-trejn f'Lulju.

## 39.9 Proċess ta' Ġemellaġġ;

**39.9.01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu riċentament mar btala il-Croatia u kien impress-jonat bis-sbuħija ta' dan il-pajjiż. Hu qal li jixtieq jagħmel ġemellaġġ ma raħal f'dan il-pajjiż. Is-segretarja nformatu li hemm proċess biex isir ġemellaġġ u għal dan il-għan ippreżentat Ċirkulari Numru SPI/TW/8/2021 – Proċess ta' Ġemellaġġ minn Reġjun/ Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera ġibdu l-attenzjoni li dan il-proċess jinvolvi ħafna xogħol li jirrekjedi ħafna voluntiera u ħaddiema li l-Kunsill fil-preżent m'għandux.

**39.9.02** Is-Sindku qal li għalissa dan ma jsirx iżda l-Kunsill għandu jorganizza safra għar-residenti u din għandha ssir fis-sena 2023. Din trid tiġi diskussa aktar 'l quddiem.

## 39.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; u

**39.10.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 38-9 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 39.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**39.11.01** Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 20 ta' Settembru fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, it-Tlieta 20 ta'Settembru 2022.

**IFFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv